MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru. 274/2010

**Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**ANTHONY MIGNECO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTHONY MIGNECO** ta' 62 sena, bin Francis u Aurea nee' Borg imwieled Hamrun fl-20 ta' April, 1947 u residenti 'Dar Serena', Triq Santa Katerina, Attard, detentur tal-karta tal-identita' numru 430847(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

F'Settembru, 2009 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu bhala Direttur tas-socjeta' *Medairco Limited*, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €919,162.27, ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. MC1 a fol. 6 u l-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. MC 2 a fol. 7 tal-Process.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-22 ta’ Awwissu 2011 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 93).

Rat illi dawn l-istess artikoli gew moqrija fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011 u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita (fol. 96).

Illi nhar it-28 ta’ Settembru, 2010 xehed **Paul Scicluna** u spjega li ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT esebixxa *letter to prosecute*, liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok PSV 1. Esebixxa wkoll bhala Dok PSV 2 rendikont tas-socjeta’ Medairco Limited kif inhi mal-VAT bilanci dovuti kif inhuma llum. Esebixxa bhala Dokument PSV 3 estratt minn dokument tal-MFSA li jindika li l-imputat Anthony Migneco huwa Direttur tas-Socjeta’ Medairco Limited. Esebixxa bhala Dok PSV 4 it-tlieta u tletin (33) denunzja. Dawn gew sottomessi mis-socjeta’ in kwistjoni Medairco Limited u kollha huma ffirmati mill-imputat. Zied jghid illi d-dokumenti li ghadu kif esebixxa jirrizulta li hafna mid-denunzji sottomessi dawn sal-lum il-gurnata ghadhom ma gewx imhassa u l-bilanc rimanenti huwa ta’ disa’ mija u dsatax il-elf, mija tnejn u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu ta’ Ewro (€919,162.27). Spjega illi s-somma li semma’ hija bilanc dovut. L-ahhar pagament li l-imputat kien ghamel ghan-nom tal-kumpanija li semma’ kien fis-sena 2006. F’dan l-istadju xtaq ukoll jesebixxi bhala Dik PSV 5 elenku ta’ pagamenti li ghamlet is-socjeta’ imsemmija, dana mill-1999 sal-lum. L-ahhar pagament kien fis-sena 2006.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami kkonferma li l-imputat kien wiehed mill-persuni li kienu tressqu l-Qorti fuq kaz ta’ korruzzjoni fid-Dipartiment tal-VAT. Xtaq jghid li perjodu zghir li jirrigwarda l-akkuza odjerna, jirreferi ghall-perjodu li l-imputat kien gie akkuzat rigwardanti korruzzjoni fid-Dipartiment tal-VAT.

Illi nhar it-28 ta’ Settembru, 2010 xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** u esebixxa bhala Dok MC 3 stqarrija tal-imputat Anthony Migneco li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Din l-istqarrija ttiehdet fit-22 ta' Marzu, 2010. Ikkonferma li l-imputat inghata t-twissija skond il-ligi u rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' PS 290 Jean Paul Formosa kif ukoll dak tal-imputat Anthony Migneco illi huwa ghazel li jiffirma din l-istqarrija u dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru f'din l-istqarrija. Din l-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala Dok MC 3. Esebixxa wkoll bhala Dok MC 4 dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat liema dikjarazzjoni gharaf il-firma tieghu, dik tal-istess imputat, dik ta’ PS 1579 kif ukoll ta’ PS 290 liema dikjarazzjoni tirrigwarda d-decizjoni tal-imputat li ma jkollux ghajnuna legali qabel ma jigi nterrogat mill-Pulizija.

Rat l-istatement tal-imputat rilaxxjat b’mod volontarju nhar it-22 ta’ Marzu 2010 esebit fl-atti a fol 59 u markat bhala Dok MC3 u minn ezami tal-istess jirrizulta s-segwenti:-

Illi huwa Direttur tas-socjeta’ Medairco Limited u ammetta li ghandu jaghti lid-Dipartiment tal-VAT fil-kapacita tieghu ta’ Direttur ta’ din l-istess kumpanija ghalkemm ma kienx jaf x’inhi l-figura ezatt illi ghandu jaghti. Qal

li kien lest li jasal fi ftehim sabiex ihallas l-ammont dovut minnu una volta jasal fi ftehim maghhom u cioe' li jhallas l-ammont fi zmien sena jew sentejn. Spjega li kien diga beda d-diskussjonijiet pero' l-persuna ma' min kien qed jitkellem illum m'ghadux jahdem fid-dipatiment tal-VAT. Spjega li kellu *book keeper* li tiehu hsieb il-kontijiet tal-kumpanija ghalkemm huwa biss jista' jiffirma ghan-nom tal-kumpanija. Mistoqsi jispjega ghaliex ma hallasx il-flus lid-dipartiment wara li kien hu stess li ddikjara li rcieva dawn il-flejjes jghid li meta huwa jinvojsja lill-klijent ikun hemm mitkub il-VAT dovut pero' jigri li l-klijent mhux dejjem ihallsu u ghalhekk ma jkunx f'posizzjoni li jhallas il-VAT ghalkemm ikun gja iddikjarah fir-*returns* tal-kumpanija.

Illi nhar id-9 ta' Novembru, 2010 xehdet **Lea Caffari** u spjegat li giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex ghan-nom tal-MFSA (Malta Financial Services Authority) tesebixxi l-A*rticles* u l-Memorandum tal-kumpanija Medairco Limited u qieghda f'pozizzjoni li taghmel hekk u esebiet tali Articles u l-Memorandum tal-imsemmija kumpanija li gew immarkati bhala Dok LCM 1. Xtaqet tghid li mid-dokumentazzjoni li ghadha kif esebiet jirrizulta li Anthony Migneco, detentur tal-karta tal-identita' numru 430847(M) kien irrizenja minn Direttur minn mal-kumpanija Medairco fid-9 ta' Settembru, tas-sena 2009.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2012 l-imputat kien eccepixxa in linea preliminari d-difiza ta' *ne bis in idem* u esebixxa kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-13 ta' Novembru 2009 (App Numru 334/09) moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Migneco (fol. 98)**.

Rat illi din il-kawza flimkien ma’ numru iehor ta’ kawzi gew assenjati lil din il-Qorti b’digriet tal-Prim Imhallef datat 21 ta’ April 2014.

Illi din il-Qorti kif preseduta appuntat din il-kawza ghal quddiemha ghal nhar it-3 ta’ Gunju 2014, meta l-imputat debitament assistit u l-Ufficjal Prosekutur dehru quddiemha u ezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga’ tisma’ x-xhieda li gja ddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta u d-difiza ghamlet referenza ghall-verbal taghha tal-14 ta’ Frar 2012 meta kienet qajmet l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem* u ghalhekk il-partijiet talbu li tinghata sentenza fuq din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat.**

Illi f’din il-kawza l-imputat fl-istess kapacita tieghu ta’ Direttur tas-socjeta’ Medairco Limited qed jigi akkuzat talli fix-xahar ta’ Settembru 2009 u fis-snin immedjatament precedenti approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ li ma hallasx lid-Dipartiment tal- VAT is-somma totali ta’ disa’ mija u dsatax il-elf, mija tnejn u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu ta’ Ewro (€919,162.27).

Issa minn ezami tas-sentenza esebita fl-atti fuq riferita jidher li l-imputat kien gie akkuzat talli f’April 2009 jew fix-xhur u s-snin ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizuluzzjoni wahda, ikkorrompa lil Nigel John Abela ufficcjal fid-Dipartiment tal-VAT u minhabba dan Nigel John Abela naqas

milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel. U fit-tieni lok kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda kien komplici fi truffa ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta f'ammont ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1,000).

Fil-fatt il-Qorti marret pass oltre u ezaminat il-process li wassal ghal *conviction* tal-imputat fis-sentenza fuq imsemmija u rat li anke fl-istatement li kien irrilaxja lill-pulizija esekuttiva (Spettur Angelo Gafa) nhar l-14 ta' April 2009 il-pulizija kienet gja giet mgharrfa li l-imputat kellu problemi mal-ufficcju tal-VAT u kien ghalhekk li kien ikkorrompa lil Nigel John Abela bil-ghan li d-debitu li huwa kellu mal-VAT office jigi moderat u l-bilanc li huwa kellu mal-VAT office jinzel ghal zero.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Ghalhekk id-Difiza qed tissolleva li la darba l-imputat gie akkuzat fuq l-istess fatti fuq l-istess medda ta' zmien u cioe' ghas-sena 2009 u s-snin antecidenti u diga nghata sentenza mill-Qorti ma jistax issa jigi gudikat mill-gdid u dan abbazi tal-principju ta' *ne bis in idem*. Jinghad li t-terminologija 'ne bis in idem' meta maqluba ghall-Ingliz tfisser 'not again about the same'. Issa sabiex issir applikazzjoni ta' dan il-principju huwa interessanti li wiehed ikun jaf meta l-kriterji '*again*' u '*same*' japplikaw. Il-kelma '*again*' tirreferi ghal prosekuzzjoni ta' reat ghal aktar minn darba jew quddiem l-istess Qorti jew quddiem qrati differenti. Il-principju ta' *ne*

*bis in idem* huwa principju legali fondamentali li huwa komuni prattikament ghal sistemi gudizzjarji kollha tal-Ewropa ghalkemm generalment bhala dritt fondamentali naxxenti mill Kostituzzjoni.Huwa maghruf bhala 'the prohibition of double jeopardy'. Ghalhekk skond dan il-principju persuna ma tistax tigi akkuzata aktar minn darba ghall-istess komportament kriminali u r-ratio tieghu huwa tnejn. Fuq naha wahda dan hu hekk sabiex tigi offruta protezzjoni gudizzjarja lejn l-imputati kontra l-*jus puniendi* ta' l-istat una volta jigu sottomessi ghall-Prosekuzzjoni (u dana bhala principju tad-dritt taghhom ta' smiegh xieraq u ekwu) u min naha l-ohra sabiex jigi zgurat '*legal certainty'* u r-rispett lejn l-istitut ta' *Ne bis in idem*.

Dan il-principju ilu stabbilit fis-sistema legali taghna. Fis-sena 1884 gja kellna provvediment fil-kodici penali taghha fl-**Artikolu 46** li pprovda s-segwenti:-

*"Dietro ad una sentenza che il giudizio liberasse un imputato, non putra questi per lo stesso fatto essere sottoposto ad un altro giudizio*." Li jekk tradott bl-ingliz ifisser "*Whenever a person shall have been tried for an offence and acquitted, it shall not be lawful to subject such person to another trial for the same offence*."

Illum l-artikolu korrispondenti ghal dan l-Artikolu 46 tal-kodici penali tas-sena 1884 huwa tal-**Artikolu 527 tal-Kapitolu 9** li jiddisponi s-segwenti:

*"Wara sentenza li f'kawza tillibera l-imputat jew akkuzat dan ma jistax* <u>*ghall-istess fatt*</u> *ikun suggett ghall-kawza ohra".*

Ghalhekk illum is-sitwazzjoni hija pjuttost ftit differenti fis-sens li hadd ma jista jigi gudikat darbtejn ghal reat li huwa naxxenti mill-istess fatti. Ghalhekk jista' jkun hemm reati differenti li johorgu mill-istess fatti izda xorta l-Prosekuzzjoni ghandha taghmel kaz wiehed u tinkludi r-reati kollha.

Illi ta' min isemmi li dan il-principju ta' *res judicata* huwa wkoll mahsub fl-**Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li tipprovdi s-segwenti:-

*"Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u/jew tkun giet misjuba hatja jew liberata m'ghandhiex terga tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat".*

L-elementi ta' *res judicata* huma essenzjalment tnejn u dawn kif gew elenkati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Domenic Abela** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tnax ta' Dicembru, 2000.

1. L-istess persuna akkuzata fi proceduri separati u;
2. L-akkuza sussegwenti trid tkun bazata fuq l-istess fatt li l-persuna akkuzata tkun ga giet gudikata fuqha precedentement.

   Dwar it-tieni element il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat fis-sentenza deciza mil-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Rex vs Rosaria Portelli** deciza nhar it-23 ta' Frar 1904 fejn inghad li:-"*La legge intende il fatto principale in quanto meritevole*

*di pena o come altri si espresso non intende semplicimente il fatto storico u natural nei suoi diversi moment ma il fatto giuridico nel suo complesso."*

Fil-fatt il-mibki **Professor Mamo** fin-noti tieghu msejha *Criminal Procedure* f'dan ir-rigward jghid: *"In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it given the least serious, and a judgment is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle first expressly affirmed in* ***'Rex vs Rosaria Portelli'*** *has now become settled law."*

Fis-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appelli Kriminali* fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Vella** deciza fid-dsatax ta' Frar, 1999 inghad li:

*"Biex tali eccezzjoni tkun tista tigi sollevata b'success jrid jirrizulta mhux biss li persuna kkundannata b'dik is-sentenza hija l-imputat odjern…izda li "l-fatt" l-imputat li tieghu jkun instab hati jew li minnu jkun gie liberat permezz ta' dik is-sentenza, jkun l-istess "fatt"li tieghu instab hati u mhux xi fatt iehor li jkun gara qabel jew wara l-fatt li jifforma l-mertu tas-sentenza"*(sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza li nghatat fl-ismijiet **il-Pulizija vs Giuseppe Pace** nhar it-28 ta' Jannar 1939 inghad li:-

*"Whenever by means of the same facts ....two or more rights are violated, there is only a single offence, and the lesser offence is absorbed in the graver one; if the offender be charged with the lesser offence <u>and the judgment is pronounced</u> (emphasis by the author) thereon, then he cannot be any longer charged with the graver offence nor can any heavier or other punishment, be inflicted on him."*

Anke fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali li nghatat nhar it-2 ta' Dicembru 1939 fl-ismijiet <u>**Camilleri vs Cilia et**</u> gie ritenut li:-

*"It is an established principle in our jurisdiction that when the same fact, two or more eights are violated, there is not a plurality of offences but ne single offence...and if the agent is tried for any of these violations and he is either acquitted or convicted, the judgment is a bar to any further prosecution in respect of any other violations even though the first violation with which he was charged is an offence different from that charge in the previous trial."*

Sentenza ohra ta' mportanza fuq il-materja hija dik moghtija mill- istess Qorti tal-Appelli Krminali nhar il-15 ta' Novembru 1941 fl-ismijiet <u>**G. Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar inghad li:-**</u>

*"The Criminal action is extinguished ...when there has been one fact on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same fact."*

F’din l-istess sentenza gie konfermat li:-

*“L-eccezzjoni ta’ ne bis in idem....tapplika ukoll meta ghalkemm hemm iktar minn reat wiehed allegatament kommessi mill-istess persuna dejjem pero’ bhala rizultanti sostanzjalment mill-istess fatt jew agir ta’ dik il-persuna, allura, jekk persuna tigi akkuzata b’xi reat minnhom u tigi gudikata fuqu ma tistax terga’ titressaq il-Qorti u tigi akkuzata bil-vjolazzjoni l-ohra jekk din it-tieni allegata vjolazzjoni hija marbuta ma jew tirrizulta mill-istess fatti jew agir ta’ dik il-persuna*.”

Dan kien dejjem l-attitudni li hadu l-Qrati taghna fir-rigward tal-eccezzjoni sollevata mid-difiza, fil-fatt fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-bidu ta’ dan is-seklu nhar il-15 ta’ Gunju 1918 kwotata fin-noti tal-Professur Sir Anthony Mamo fl-ismijiet **Rex vs Agatha Mifsud** inghad li:

*“l’eccezione sollevata dagli accusati ed accolta dalla Corte si fonda sul motivi che i fatti esposti nell’odierno atto di accusa per corruzione di minorenni sono quelli stessi che furono adodotti in un precedente giudizio per adulterio per quale furono processati e liberati.”* Fil-fatt l-Imhallef fis-sentenza tieghu ikkwota minn sentenza moghtija mill-Oghla Qrati tal-Ingilterra fl-ismijiet **Regina vs Miles** fejn gie ripetut li:-

*“No doubt it seems a little startling that a conviction for a common assault should afford an answer to a subsequent indictment for the same assault, upon conclusive evidence that it was accompanied by an intent to murder,*

*but reason and good sense point out that, even at the risk of occasional miscarriages of justice when once a criminal charge has been adjudicated upon by a Court having jurisdiction that adjucative ought to be final..."*

Ghalhekk isegwi li dan hu ezattament il-vires li sejra tiehu din il-Qorti f'dan ir-rigward. Jinghad li huwa ta' mportanza massima li sabiex persuna tqajjem eccezzjoni ta' din in-natura u cioe' *ne bis in idem* irid l-ewwel ikun hemm sentenza moghtija fil-konfront tal-istess persuna li hija *res gudikata* irrispettivament jekk hix sentenza fejn sabet lil dak li jkun hati jew jekk illiberatux minn tali akkuzi u fil-fatt l-Imhallef Lino Agius fis-sentenza tieghu fl-ismijiet **il-Pulizija vs Eugenio Said** qal is-segwenti:-

*"Mhux sewwa ghaliex huwa elementari illi jekk kien hemm l-eccezzjoni ta' ne bis in idem, l-ewwel haga li kellha ssir hija li tigi infilzata fil-process kopja legali tas-sentenza li fuqha kienet qieghda tigi bbazata l-eccezzjoni."*

In konkluzjoni l-Qorti tispjega li sabiex tali eccezzjoni qed tigi milqugha d-difiza sollevat b'success mhux biss li l-persuna ikkundannata b'dik is-sentenza esebita fl-atti moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 2009 huwa l-imputat odjern – haga li f'dan il-kaz ma hemmx dubju dwarha ghaliex il-*particulars* tal-imputat jidhru fuq is-sentenza esebita – izda li l-"fatt" imputat li tieghu kien instab hati permezz ta' dik is-sentenza huwa l-istess " fatt" li tieghu l-imputat hu akkuzat illum u fil-fatt mhux xi fatt iehor li gara qabel jew wara l-fatt li jifforma l-mertu tas-sentenza esebita tant li l-Prosekuzzjoni sahansitra anke kienet talbet fl-akkuza sabiex b'hekk it-terminu tal-fatt jibqa' zgur l-istess u cioe' Settembru 2009 u fis-snin immedjatament qabel. Huwa veru li fis-sentenza esebita tat-13 ta' Novembru 2009 l-imputat kien akkuzat bir-

reati ta’ frodi u korruzzjoni ta’ ufficcjal tal-VAT jidher li l-fatti huma l-istess u cioe’ naxxenti mill-fatti li l-imputat allegatament aproprja flejjes ta’ terzi favur tieghu meta dawn kienu dovuti lid-Dipartiment tal-VAT.

Illi l-Prosekuzzjoni messha toqghod aktar attenta sabiex l-akkuzi kollha naxxenti mill-istess fatt, jitpoggew f'akkuza wahda quddiem l-istess Qorti, sabiex b'hekk l-imputat ma jigix pregudikat u rinfaccat bil-principju ta' *double jeopardy*.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem* sollevata mid-difiza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan il-kaz u dan bla pregudizzju ghad-drittijiet civili li ghandu l-Ufficcju tal-VAT fil-konfront ta’ l-imputat odjern fil-vesti tieghu ta’ Direttur tas-socjeta’ Medairco Limited sabiex l-istess ufficcju jirkupra l-ammont lilu dovut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------